MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2013

Numru. 1192/2012

**SPETTUR DARREN BUHAGIAR**
**SPETTUR FABIEN FLERI**
**VS**
**KURT GRIMA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Kurt Grima ta’ 27 sena, bin Mario u Irene nee’ Galea, mwieled Pieta’ fis- 17 ta’ Frar 1985, residenti 167, Triq Ghajn Dwieli, Paola u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin-numru 138785M;

Talli b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiskru l- istess disposizzjoni tal- Ligi, u liema atti gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda;
1) Fil- lejl ta’ bejn il- 15 u s- 16 ta’ Gunju 2009 gewwa Triq Santa Liberata Kalkara ikkommetta serq ta’ stereo tal- ghamla Kenwood u oggetti ohra minn go

vettura tal- ghamla Opel Corsa bin- numru tar-registrazzjoni DBO 154, liema serq hu kkwalifikat bil- valur li jeccedi €232.94 izda ma jeccedix €2,329.37 bil- mezz, bil- hin u bix- xorta tal- haga misruqa, ghad- detriment ta' Franco Fenech mir- Rabat Ghawdex;

2) U talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq vettura tal-marka Opel Corsa bin- numru tar- registrazzjoni DBO 154, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix €1,164.69 imma hija izjed minn €116.47 ghad- detriment ta' Franco Fenech mir- Rabat Ghawdex;

3) Fid- 9 ta' April 2007, ghall- habta ta' bejn it- tlieta u nofs u l- hamsa u nofs ta' wara nofsinhar, gewwa Wied Ghammieq fil- Kalkara, ikkommetta serq ta' zewg kartieri minn go vettura tal- ghamla Ford KA bin- numru tar-registrazzjoni SQR 180, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bix- xorta tal- haga misruqa, ghad- detriment ta' Ivan Borg mis- Siggiewi;

4) Talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq vettura tal-marka Ford KA bin- numru tar- registrazzjoni SQR 180 liema ammont ta' hsara ma tiskorrix €1,164.69 imma hija izjed minn €116.47 ghad- detriment ta' Ivan Borg mis-Siggiewi;

5) Talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' fuq vettura tal-marka Ford KA bin- numru SQR 180 liema ammont ta' hsara ma jiskorrix €1,164.69 imma izjed minn €116.47 ghad- detriment ta' Ivan Borg mis- Siggiewi;

6) Aktar talli kiser il- provediment tal- Artikolu 7 tal-Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta b' sentenza moghtija mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr Antonio Mizzi LL.D datata 11 ta' Jannar 2007;

7) Aktar talli kiser il- provediment tal- Artikolu 7 tal-Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta b' sentenza moghtija mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr Antonio Vella LL.D datata 18 ta' Ottubru 2007;

8) Aktar talli sar recidiv ai termini tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar piena;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, u ghalhekk il-Qorti m’ghandhiex triq ohra hlief li ssibu hati u tghaddi biex tikkunsidra l-piena idoneja ghal dan il-kaz. Jidher mill-atti li dawn ir-reati sehhew bejn erba’ u sitt snin ilu, u ghandu zewg sentenzi ta’ probation li kien kiser f’dan iz-zmien. Il-Qorti, ghalhekk, ghalkemm ghadda hafna zmien minn meta dawn ir-reati gew imwettqa, xorta tqis li piena ta’ prigunerija ghandha tkun dik idoneja ghal dan il-kaz, izda sejra tibqa’ vicin tal-minimu tal-istess piena, ghal dawn l-istess ragunijiet.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 49, 50, 289, 261 u 325(1)(b) tal- Kap 9 u Artikolu 7 tal- Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah disa’ (9) xhur prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------